DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1339

tad-29 ta' Lulju 2022

li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tat-tilqim kontra l-COVID-19, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tależerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa se jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe konstatazzjoni ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mis-Sultanat tal-Oman liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, jenħtieġ li tali konstatazzjonijiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Fit-3 ta' Marzu 2022, is-Sultanat tal-Oman ipprovda lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim skont is-sistema intitolata "Tarassud". Is-Sultanat tal-Oman informa lill-Kummissjoni li huwa jqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tiegħu qed jinħarġu f'konformità ma' sistema standard u teknoloġika, huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtenticità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, is-Sultanat tal-Oman informa lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman f'konformità mas-sistema "Tarassud" fihom id-data stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

([1]) ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) Is-Sultanat tal-Oman għarraf ukoll lill-Kummissjoni li jaċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fl-14 ta' Lulju 2022, wara talba mis-Sultanat tal-Oman, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġin mis-Sultanat tal-Oman li huma f'konformità mas-sistema "Tarassud" huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 li jippermetti l-verifika tal-awtenticità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġin mis-Sultanat tal-Oman f'konformità mas-sistema "Tarassud" fihom id-data meħtieġa.

(6) Minbarra dan, is-Sultanat tal-Oman informa lill-Kummissjoni li huwa joħroġ ċertifikati tat-tilqim interoperabbli għat-tilqim kontra l-COVID-19. Dawk il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Covishield, R-COVI, Sputnik V, CoronaVac, u Vaxzevria.

(7) Is-Sultanat tal-Oman informa lill-Kummissjoni li ma joħroġx ċertifikati tat-testijiet interoperabbli.

(8) Barra minn hekk, is-Sultanat tal-Oman informa lill-Kummissjoni li huwa ma joħroġx ċertifikati ta' fejqan interoperabbli.

(9) Minbarra dan, is-Sultanat tal-Oman għarraf lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi fl-Oman jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-data personali inklużа fihom tiġi pproċessata biss biex jiġi vverifikat u kkonfermat l-istatus tat-tilqim, tar-riżultat tat-test jew tal-fejqan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.

(10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman f'konformità mas-sistema "Tarassud" iridu jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 huma b'hekk issodisfati.

(11) Għalhekk, iċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman f'konformità mas-sistema "Tarassud" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operazzjonali, jenħtieġ li s-Sultanat tal-Oman jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex is-Sultanat tal-Oman jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-ċertifikati tat-tilqim kontra l-COVID-19 maħruġa mis-Sultanat tal-Oman f'konformità mas-sistema "Tarassud" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 2

Is-Sultanat tal-Oman għandu jiġi konness mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN